**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 09 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 29/2019**

**Brian Pace**

**Vs**

**Vincent Axisa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ippreżentat fit-13 ta' Frar 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (€8200) rappreżentanti ħlas ta' somma mislufa lilu *brevi manu*.

Rat ir-risposta tal-konvenut ippreżentata fl-14 ta' Ġunju 2019 li permezz tagħha eċċepixxa li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li kull ammont li kien dovut lill-attur kien tħallas. Di fatti ġie eċċepit illi l-konvenut kien intavola rapport mal-*Economic Crime* fis-sena 2012 fir-rigward tal-istess talba.

Semgħet ix-xhieda ;

Rat l-inkartament tal-proċess kriminali esebit mill-attur fir-rigward tal-proċeduri kriminali intavolati fil-konfront tiegħu ;

Rat id-dokumenti esebiti ;

Rat l-atti kollha ;

Semgħet it-trattazzjoni ;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (Eur 8200) rappreżentanti self *brevi manu.* Illi min-naħa l-oħra l-konvenut jallega li tali somma hija biss użura għaliex dak li kien issellef mingħand l-attur, u cioè s-somma ta' elfejn ewro (Eur2000) kien ħallashom u ħallas magħhom somma ikbar, biex b'kollox spiċċa jħallas madwar sitta u għoxrin elf ewro (Eur 26,000).[1]

Illi skont ix-xhieda li **l-konvenut** ta fil-proċeduri kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs Brian Pace** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Jannar 2019**,** fl-2009 kien issellef is-somma ta' elfejn ewro (Eur2000) mingħand l-attur. Jispjega li l-ftehim kien li jħallas lura mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar però eventwalment spiċċa jħallas ħames mitt lira Maltin (Lm500) fix-xahar.[2] Jispjega li baqa' jgħaddilu l-pagamenti sa Frar 2012 u sa dak iż-żmien kien tah sitt elef ewro (Eur6000) fi flus kontanti. Il-konvenut jispjega li kitba ma kinux għamlu u lanqas kien hemm ftehim ċar fuq l-imgħax. Jispjega wkoll li qatt ma kien talab riċevuta u lanqas żamm xi forma ta' rendikont. Jgħid però li l-aħħar sitt elef ewro (Eur 6000) li kien tah kien ħallihomlu ma' ommu (omm Brian Pace). Dawn is-sitt elef ewro (Eur6000) kien issellifhom mingħand ċertu Pawlu Buhagiar u dwar dan kien iffirma skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu. Spjega wkoll illi f'numru ta' okkażjonijiet kien għadda l-pagament billi jiffirma ċ-ċekkijiet tal-paga tiegħu u jagħtihom lill-attur.

**Georgina Axisa,** omm il-konvenut, stqarret li hija ma kinitx taf li binha kien issellef xi flus mingħand l-attur, sakemm fi Frar 2012 kienet ġiet infurmata b'dan mingħand oħt l-attur. Meta kkonfrontat lil binha dan spjegalha li kien xtara żiemel u għaldaqstant kien issellef elfejn ewro (Eur2000) mingħand l-attur però li sa dakinhar kien tah ħafna iktar. Meta hija staqsietu għala kien baqa' jħallas iktar milli kien issellef, binha

[1] Ara xhieda tal-konvenut mogħtija fit-2 ta' April 2014 fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Brian Pace* u riportata a fol. 95 et seq tal-proċess

[2] Iktar tard il-konvenut jgħid li l-pagament kien ta' ħames mitt ewro (Eur500) fix-xahar (vide fol. 99)

qalilha li Pace kien jheddu li se jinforma lilha u li kien se jkissirlu kulma hemm fid-dar. Hija spjegat li kienet taf li binha kien issellef is-somma ta' sitt elef ewro (Eur6000) mingħand ċertu Paul Buhagiar biex jagħtihom lil Pace. Tispjega li wara li binha ta dawn is-sitt elef ewro (Eur6000) lil Pace, l-istess Pace mar ifittex lil binha għal iktar flus u meta qaltlu li din kienet użura, Pace nfexx jgħajjat magħha u qalilha li jekk binha ma kienx ser ikompli jagħtih il-flus kien se jkisser kulm' hemm biha. Għalhekk iddeċidew li jagħmlu rapport lill-Pulizija.

**Catherine Axisa,** oħt il-konvenut, spjegat illi hija saret taf bil-kwistjoni bejn Pace u ħuha f'Awwissu 2012 meta semgħet lil Pace jgħajjat ma' ommha u jgħidilha li jrid il-flus. Meta kkonfrontat lil ħuha, dan qalilha li kien veru li kien issellef elfejn ewro (Eur2000) però minn kalkoli li għamlet dak iż-żmien ma' ħuha, irriżultalha li ħuha kien ħallas madwar ħamsa u għoxrin elf ewro (Eur25,000).

Illi l-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet « Il-Pulizija vs Brian Pace » deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-8 ta' Jannar 2019 fejn l-istess Pace ġie liberat minn, fost oħrajn, akkuza ta' użura.[3]

Illi fl-imsemmija proċeduri kriminali Pace spjega li huwa kien beda jsellef il-flus lil Axisa u b'kollox kien tah tnax-il elf u mitejn lira Maltin (Lm12,200). Huwa jispjega li minn dawn kien għad fadallu jiġbor tmint elef u mitejn ewro (Eur8200). Jispjega li huwa qatt ma żammlu imgħax u li Axisa kien jagħtih mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar fi flus kontanti, però ma kienx regolari fil-pagamenti. Mistoqsi jekk qattx kien tah xi ċekkijiet bħala pagamenti huwa jgħid li le. Jispjega li meta saret taf ommu bdew il-problemi.

**Ikkunsidrat :**

Illi din il-Qorti għandha quddiemha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti għall-aħħar. Min-naħa waħda għandha l-verżjoni ta' Pace li qed jgħid li għad għandu jieħu mingħand Axisa s-somma reklamata filwaqt li Axisa jgħid li m'għandu jagħti xejn lil Pace u li dak li ssellef ħallsu, anzi ħallas ħafna iktar.

Dwar kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija, fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawża **Xuereb et v. Gauci et** il-Qorti tal-

[3] A fol. 28 et seq tal-proċess

Appell (Sede Inferjuri) ittrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp ċivili billi qalet hekk:

*"Huwa paċifiku f`materja ta` konflitt ta` verżjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn żewġ prinċipji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li tagħraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi waħda miż-żewġ verżjonijiet bħala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn oħra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tiġi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

Fi kliem ieħor il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f`kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ciantar v. Curmi noe** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta` April 2003 kien preċiżat hekk:

*"Huwa ben magħruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew ineżattezzi fil-provi għandhom iħallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessità li minħabba fihom ma tkunx tista` tiddeċiedi b`kuxjenza kwieta jew ikollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet, sostrat bażiku ta` azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan għad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta` Settembru 2013 ingħad hekk :-

*"Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f`każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi għemil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f`kawża ċivili d-dolo jista` jiġi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purkè s`intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b`tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f`min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b`mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista` tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f`kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox,*

*ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f`każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b`doża qawwija ta` apprezzament suġġettiv ta` dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x`kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m`għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni għandha twassal lill-Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, il-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta` ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)."*

Illi din il-Qorti tibda billi tirrileva illi huwa pjuttost insolitu kif self ta' ammonti simili ma tniżżlux imqar fuq biċċa karta biex Pace iżomm rendikont ta' x'ta lil Axisa u dan x'ħallsu lura. Daqstant ieħor issibha insolita li Axisa ma esiġiex li Pace jagħtih riċevuta ta' dak li kien qiegħed iħallas, dan iktar u iktar meta skont hu kien qiegħed jitolbu bil-wisq iktar milli ssellef. Huwa veru li jirriżulta li ż-żewġ partijiet kienu ħbieb, però hawn si tratta ta' self ta' somom konsiderevoli ta' flus.

Illi għalhekk biex tasal għal dak il-grad ta' prova li trid issir fil-kamp ċivili, il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi kollha mressqa quddiemha u quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-sede kriminali tagħha.

Illi l-Qorti tosserva illi Axisa stqarr illi huwa ġieli għamel pagamenti lil Pace billi tah iċ-ċekkijiet tal-paga tiegħu biex jissarfu minnu bħala ħlasijiet. Miċ-ċekkijiet esebiti fil-kawża kriminali, u li jinsabu esebiti minn fol. 213 sa 233, ma jirriżultax illi dan kien il-każ. Fuq l-ebda ċekk minnhom m'hemm xi firma ta' Pace jew xi indikazzjoni li dawn kienu fil-pussess tiegħu.

Illi l-Qorti tirrileva illi meta wieħed ikun qiegħed iħallas sta għalih li jitlob li jkollu riċevuta ta' dak il-ħlas. Evidentement dan ma sarx u għaldaqstant il-Qorti ssib li fuq bażi ta' probabilità l-attur ipprova l-każ tiegħu sal-grad rikjest mil-liġi ċivili. Min-naħa l-oħra l-konvenut ma rnexxilux jipprova dak allegat minnu, u cioè li huwa kien ħallas somma ferm ikbar minn dik li ssellef. Ma nġabet l-ebda evidenza dokumentarja illi fil-fatt il-pagamenti allegati minnu fil-fatt saru.

Inġabet prova wkoll illi Axisa kien issellef is-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) mingħand Paul u Nazzarena Buhagiar.[4] Madankollu Axisa jgħid li hu ssellef biss sitt elef ewro (€6000) mingħandhom u da parti tiegħu għaddihom lil Pace. Pace jikkonferma li rċieva biss erbat elef ewro (€4000) f'envelope li suppost, skont Axisa, fih kien hemm ħamest elef ewro (€5000).

Illi jirriżulta wkoll illi waqt il-kawża kriminali, l-Ispettur Investigattiv esebixxa lista ta' pagamenti li allegatament saru minn Axisa lil Pace. Però, kif irrimarkat il-Qorti li kienet qiegħda tisma' l-kawża kriminali, l-ebda ċekk ma kien ġie msarraf minn Pace iżda kienu ġew imsarrfa jew depożitati

[4] Skrittura esebita a fol. 111

f'kontijiet bankarji f'isem terzi. Illi kif dawn ic-cekkijiet spiccaw għand dawn it-terzi mhux magħruf. Però, ladarba Axisa qiegħed jallega li huwa tahom lil Pace, kien jispetta lilu jġib il-prova kif l-istess ċekkijiet għaddew għand dawn it-terzi, u cioè jekk mhux mingħand Pace, mingħand Axisa jew mingħand ħaddieħor.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi kien biss l-attur li laħaq il-grad tal-prova neċessarja f'dawn il-proċeduri.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talbiet tal-attur u tikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' tmint elef u mitejn ewro (€8200) rappreżentanti ħlas ta' somma mislufa lilu mill-attur.

Bl-imgħax dekorribbli mit-8 ta' Marzu 2018[5] sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

[5] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali esebita bħala Dok BP1 a fol. 2 u 3 tal-proċess